# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2024**

**Numru 29**

**Rikors numru 637/24/1 AJD**

Fl-atti tas-Subbasta Nru 50/2022 fl-ismijiet:

**Mary Rita Mifsud (K.I. 291459M)**

**v.**

**Michael Mifsud (K.I. 737249M)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq minn Michael Mifsud kontra provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ġunju, 2024, li permezz tiegħu din ċaħdet it-talba tiegħu biex bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 281(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**

**Ċivili**, jitħassar il-mandat ta’ qbid eżekuttiv u bejgħ bl-irkant ġudizzjarju bin-numru 50/2022, li l-ħruġ tiegħu ntalab minn Mary Rita Mifsud b’rikors tal-31 ta’ Awwissu, 2022.

**Daħla**

2. B’rikors tat-30 ta’ Mejju, 2024, Michael Mifsud fisser li b’sentenza mogħija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta’ Ottubru, 2019, fl-ismijiet ***Mary Rita Mifsud v. Michael Mifsud (Rik. 34/2008 AGV)***, hu u Mary Rita Mifsud kisbu s-separazzjoni personali tagħhom. Issokta jispjega li huwa talab ir-ritrattazzjoni ta’ dik il-kawża iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda b’deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta’ Ġunju, 2023. Tenna li fil-frattemp, Mary Rita Mifsud kienet bdiet proċedura biex jinqabad u jinbiegħ bl-irkant ġudizzjarju l-garaxx bin-numru 16, bl-isem “Santa Rita” fi Triq l-Imsieraħ, San Ġwann, fejn din iddikjarat li hija kreditriċi tiegħu fl-ammont ta’ €85,000. Kemm hu hekk, it-talba ta’ Mary Rita Mifsud għall-ħruġ ta’ dan il-mandat eżekuttiv intlaqgħet b’digriet mogħti fis-17 ta’ Frar, 2023.

3. Michael Mifsud żied jgħid li b’nota mressqa fit-12 ta’ April, 2023 quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju bin-numru 50/2022, Mary Rita Mifsud iddikjarat li hija għandha tieħu mingħandu s-somma ta’ €101,814.68, li fost affarijiet oħra tinkludi arretrati

ta' manteniment fl-ammont ta' €75,801, li kien dovut bejn is-snin 2013 u 2023. Fisser li b'rikors tat-28 ta' April, 2023 huwa talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tikkonferma bil-ġurament tagħha l-kreditu li huwa dovut lilha mingħandu. Din id-dikjarazzjoni maħlufa tressqet minn Mary Rita Mifsud fl-14 ta' Ġunju, 2023.

4. Ir-rikorrent spjega li huwa kkontesta bil-qawwa d-dikjarazzjoni ta' Mary Rita Mifsud, mhux biss għaliex din ma kellhiex mis-sewwa, iżda wkoll għaliex skontu l-għan tagħha kien biss li tagħmillu l-ħsara. Qal li kemm hu hekk, huwa ressaq diversi rikorsi sabiex jitlob it-tħassir fis-sħiħ jew f'parti minnu l-mandat ta' qbid u bejgħ bl-irkant ġudizzjarju. Uħud minn dawn ir-rikorsi ntlaqgħu u wasslu biex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili naqqset il-kreditu dovut minnu darbtejn: (i) l-ewwel darba għall-ammont ta' €88,017.43 wara li Mary Rita Mifsud irrinunzjat għall-ammonti ta' €6,283.37 u €4,357.88; u (ii) t-tieni darba għall-ammont ta' €81,924.43 wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili waslet għall-konklużjoni li huwa kien ħallas l-arretrati dovuti f'manteniment sax-xahar ta' Mejju 2014.

5. Michael Mifsud tenna li huwa m'għandux f'idejh prova dokumentarja tal-ħlasijiet ta' manteniment li huwa wettaq lil Mary Rita Mifsud, u dan minħabba li huwa ħallasha bi flus kontanti iżda ma ngħatax irċevuta tal-ħlas. Madankollu, huwa fittex fl-atti tal-kawża tar-ritrattazzjoni dwar il-kawża ta' separazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet u ntebaħ li fis-

seduta tas-17 ta' Novembru, 2021, li saret quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Mary Rita Mifsud kienet xehdet li hija kellha titħallas biss ftit aktar minn €39,000 f'arretrati ta' manteniment. Ir-rikorrent ilmenta li hemm differenza ta' €18,780 bejn l-ammont ta' arretrati ta' manteniment li Mary Rita Mifsud xehdet dwaru fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2021 u l-ammont li hija ddikjarat fin-nota maħlufa tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2023. Għalhekk huwa sostna li dan l-ammont ta' €18,780 għandu jitnaqqas mill-bilanċ ta' kreditu dovut lil Mary Rita Mifsud.

6. Fid-dawl ta' dan, huwa talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex bit-tħaddim tal-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**:

> *«jogħġobha tordna li l-att eżekuttiv, ossia r-rikors għall-qbid ta' ħwejjeġ immobbli u bejgħ bl-irkant tal-31 ta' Awwissu, 2022 jiġi mħassar, fis-sħiħ jew in parti, salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.»*

7. Mary Rita Mifsud wieġbet għal dan ir-rikors fl-14 ta' Ġunju, 2024 fejn saħqet li t-talba ta' Michael Mifsud hija waħda vessatorja għaliex dan kien ir-raba' tentattiv tiegħu biex jissospendi l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju.

8. Wara li nżammet seduta fit-18 ta' Ġunju, 2024, l-Ewwel Qorti ħalliet ir-rikors għat-28 ta' Ġunju, 2024, f'liema data tat dan id-digriet finali, li minnu sar l-appell tal-lum:

*«10. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li dan huwa r-raba' tentattiv magħmul mir-rikorrent debitur eżekutat sabiex jissospendi l-proċeduri tal-bejgħ bis-subbasta (l-ewwel tentattiv sar ai termini tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-17 ta' Mejju, 2023, it-tieni tentattiv sar fl-20 ta' Lulju, 2023 ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap.12 u t-tielet tentattiv sar fil-11 ta' Marzu, 2024 ukoll ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak sottomess mill-kreditriċi eżekutanti li l-mertu tar-rikors huwa ormai eżawrit u l-iskop huwa intiż biss sabiex jivvessa lill-istess kreditriċi eżekutanti u jammonta għal abbuż mill-proċess ġudizzjarju.*

*11. Dak li qiegħed jikkontendi d-debitur eżekutat permezz tar-rikors odjern huwa li l-ammont ta' €81,924.43 li din il-Qorti ordnat li l-proċeduri bis-subbasta jipproċedu bih permezz tad-digriet tal-11 ta' April, 2024 kellu jiġi ulterjorment ridott bis-somma ta' €18,780 sabiex b'hekk il-bilanċ dovut lill-kreditriċi ikun ta' €63,144.43.*

*12. Illi l-unika prova miġjuba mid-debitur eżekutat in sostenn tat-talba tiegħu hija referenza għax-xhieda bil-ġurament tal-kreditriċi eżekutanti fil-kawża ta' separazzjoni bejn il-partijiet (291/2019) tas-sbatax (17) ta' Novembru 2021 fejn qalet li sa dakinhar kellha tieħu €39,000 u xi ħaġa żgħira mentri fin-nota ġuramentata preżentata fl-14 ta' Ġunju 2023 hija sostniet li bejn 2013-2021 hija kellha tieħu bħala arretrati ta' manteniment is-somma kumplessiva ta' €66,073.*

*13. Din il-Qorti kienet tippretendi li d-debitur eżekutat iressaq il-provi kollha illi kellu ta' ħlasijiet li saru mar-rikors tiegħu iżda huwa mhux biss naqas milli jagħmel dan iżda addirittura lanqas biss preżenta vera kopja awtentikata tax-xhieda tal-kreditriċi li jagħmel referenza għaliha.*

*14. Din il-Qorti jidhrilha li l-istess debitur eżekutat kellu aċċess għax-xhieda tal-kreditriċi eżekutanti fil-mument li huwa għamel it-tentattivi l-oħra sabiex iwaqqaf il-proċeduri tal-bejgħ bis-subbasta iżda huwa naqas milli jagħmel referenza għaliha qabel kif naqas milli jġib prova tal-ħlasijiet li huwa jgħid li għamel.*

*15. Ikkunsidrati l-provi prodotti fl-assjem tagħhom din il-Qorti tqis li d-debitur eżekutat naqas milli jipprova li jeżistu raġunijiet ġodda u/jew ulterjuri sabiex ir-rikors għall-qbid ta' ħwejjeġ immobbli u bejgħ fl-irkant tal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu, 2024 jiġi mħassar fis-sħiħ jew in parte wara d-digriet tal-ħdax (11) ta' April, 2024, u sejra konsegwentement tiċħad it-talba.*

***Decide***

*16. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti qed tiċħad it-talba tad-debitur eżekutat u tordna li l-proċeduri għall-bejgħ bis-subbasta jipproċedu għall-ammont ta'* ***€81,924.43****.*

*Bl-ispejjeż a karigu ta' Michael Mifsud.»*

9. Fl-4 ta' Lulju, 2024, Michael Mifsud ressaq dan l-appell sabiex jiġi mħassar dan id-digriet. Fl-aggravju waħdieni tiegħu, huwa jsostni li l-ammont ta' kreditu li qiegħda tippretendi Mary Rita Mifsud għandu jitnaqqas għaliex hemm diskrepanza mhux żgħira bejn l-ammont ta' ftit iktar minn €39,000 f'arretrati ta' manteniment, li l-appellata xehdet li kien għadu dovut f'Novembru tas-sena 2021, u l-ammont ta' 'l fuq minn €65,000 f'arretrati ta' manteniment, li hija ddikjarat fin-nota maħlufa tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2023. Huwa jisħaq li x-xhieda mogħtija minn Mary Rita Mifsud quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha titqies bħala l-aqwa prova li huwa seta' jressaq biex jiġġustifika t-talba tiegħu għat-tnaqqis tal-kreditu dovut minnu.

10. L-appellant jiċħad l-istqarrija tal-Ewwel Qorti li huwa qiegħed jabbuża bil-proċess ġudizzjarju sabiex idejjaq lill-appellata u jċaħħadha minn flusha. Jgħid li kemm hu hekk, il-Qorti laqgħet, għal darba, darbtejn, it-talba tiegħu biex jitnaqqas l-ammont ta' kreditu li l-appellata qiegħda tipprova teżegwixxi kontrih. Itenni li mhuwiex xieraq li l-appellata titħalla teżegwixxi kontra tiegħu titlu eżekuttiv li parti minnu diġà tħallas.

11. Huwa jagħlaq billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta osservat li huwa naqas li jressaq fl-atti kopja awtentikata tax-xhieda tal-

appellata għaliex il-Qorti għandha s-setgħa li tieħu qies ta' kwalunkwe att ġudizzjarju li jkun tressaq quddiem qorti. Jisħaq li f'kull każ, skont l-**Artikolu 627(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-appellata miġjuba mill-atti tal-kawża bin-numru 291/2019JPG kellha titqies mill-Qorti bħala prova fiha nnifisha mingħajr ebda ħtieġa ta' prova dwar l-awtentiċità tagħha.

12. Mary Rita Mifsud wieġbet għal dan l-appell fit-12 ta' Lulju, 2024 fejn spjegat għaliex dan ma jistħoqqlux li jintlaqa'.

13. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-3 ta' Settembru, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Il-kwistjonijiet li trid tiddeċiedi din il-Qorti f'dan l-appell huma tnejn: (i) jekk l-Ewwel Qorti kinitx żbaljata meta stenniet li l-appellant kellu jressaq quddiemha kopja awtentikata tat-traskrizzjoni tax-xhieda li ngħatat minn Mary Rita Mifsud fis-17 ta' Novembru, 2021; u (ii) f'każ li t-tweġiba għall-ewwel mistoqsija hija fl-affermattiv, jekk hemmx lok li l-mandat eżekuttiv bin-numru 50/2022 jitħassar f'parti minnu minħabba d-diskrepanza bejn l-ammont ta' arretrati f'manteniment li ssemma minn Mary Rita Mifsud matul ix-xhieda tagħha tas-17 ta' Novembru, 2021 u l-

ammont ta' arretrati f'manteniment li hija ddikjarat fin-nota maħlufa tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2023.

15. Dwar l-ewwel mistoqsija, din il-Qorti tqis li l-appellant ma jistax jistrieħ fuq l-**Artikolu 627(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, bħal kif jgħid fir-rikors tal-appell tiegħu. Huwa minnu li skont dan l-artikolu tal-liġi, l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infushom. Huwa minnu wkoll li dawn l-atti jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

16. Madankollu huwa evidenti li l-kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda li tressqet fl-atti ta' din it-tilwima, la hija dik oriġinali u lanqas ittieħdet fuq l-oriġinali għaliex fuq il-kopja m'hemmx il-firma tat-traskrittriċi li ħejjietha. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kopja tat-traskrizzjoni msemmija ma tistax tikkwalifika bħala dokument li jaqa' fit-tifsira tal-artikolu tal-liġi hawn fuq imsemmi.

17. Fl-istess waqt, però, l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta ppretendiet li l-appellant kellu jippreżenta vera kopja awtentikata tal-imsemmija xhieda; għalkemm ma hemmx dubju li huwa kien jagħmel ħajjet il-Qorti ferm aktar faċli li kieku huwa għamel dan. Tassew, ġie

miżmum diversi drabi fil-ġurisprudenza li parti m'għandhiex ħtieġa li ġġib prova ta' atti li jinsabu fir-Reġistru tal-Qorti sakemm hija tkun tat biżżejjed dettalji b'tali mod li dawn ikunu jistgħu jinstabu u jiġu vverifikati faċilment (ara ***Anthony Micallef et v. Paul Balzan pro et noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017, ***Joseph Farrugia et v. Joseph Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017, ***Eucharist sive Chris Cassar v. Savio Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2018 u ***John Borg et v. Welcome Auto Dealer Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

18. Fil-każ tagħna, matul is-smigħ tar-rikors imressaq minnu, l-appellant mhux biss provda d-data u n-numru tal-kawża li fihom ingħatat ix-xhieda inkwistjoni iżda wkoll ippreżenta kopja informali tagħha. Għalhekk kien fid-dmir tal-Ewwel Qorti li tikseb kopja tat-traskrizzjoni oriġinali mill-atti tal-kawża bin-numru 291/2019 u tieħu qies tagħha (***Michelle Briffa v. Mohamed Elbarghathi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

19. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-Qorti tista' tgħaddi biex tistħarreġ l-ilment tal-appellant Michael Mifsud li x-xhieda mogħtija minn Mary Rita Mifsud fis-17 ta' Novembru, 2021 hija prova tajba biżżejjed li parti mill-kreditu mitlub mill-appellata bħala arretrati ta' manteniment fil-mandat eżekuttiv ta' qbid u bejgħ bl-irkant ġudizzjarju bin-numru 50/2022 tħallas,

u għalhekk dan għandu jitnaqqas.

20. Jinsab miżmum f'ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti. F'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' rċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 1953). Għalkemm huwa aċċettat fil-ġurisprudenza wkoll, li anke fin-nuqqas ta' rċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara ***Angelo Scicluna v. John Scerri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-19 ta' Novembru, 1951, ***Desmond Mizzi noe et v. Patrick Filletti pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000, ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020, ***Maryanne Vella v. Brian Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 u ***Seyba Aluminium Limited v. Grazio Debono et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2023).

21. Min-naħa l-oħra, huwa wkoll maqbul li l-prova tal-pagament għandha ssir b'mod konvinċenti u konklussiv (ara ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998) u fid-dubju għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx (ara ***Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022,

***Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri*** mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2010 u ***Rylex Holdings Limited et v. All Financial Services Ltd*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024).

22. Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk il-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment ħieles tal-ġudikant (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021 u ***360 Retail Supplies Limited v. Maged Fawzy Shokry Iskandar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2023).

23. Din il-Qorti fliet ix-xhieda mogħtija mill-appellata Mary Rita Mifsud fis-17 ta' Novembru, 2021 waqt il-kawża ta' ritrattazzjoni bin-numru 291/2019, bl-istess ismijiet, u mingħajr ma toqgħod iddur ħafna mal-lewża, ma tarax kif l-appellant jista' jinqeda bl-istqarrija li ngħatat mill-appellata dakinhar sabiex juri b'mod konvinċenti li huwa ħallas parti mill-ammont ta' arretrati ta' manteniment li hija qiegħda titlob mingħandu. Din l-istqarrija tal-appellata, jiġifieri li sa dakinhar li kienet qiegħda tixhed hija kellha titħallas ftit aktar minn €39,000 f'arretrati ta' manteniment

mingħand l-appellant, saret fuq mistoqsija magħmula għall-għarrieda (u wkoll x'aktarx barra mill-kuntest tas-suġġett li kienet qiegħda tixhed dwaru) mill-avukat tagħha stess, mingħajr ma hija kellha ċ-ċans li tagħmel referenza għal dokumenti u tagħmel il-konteġġi meħtieġa. Għalhekk mhijiex ħaġa kbira li l-appellata setgħet marret ftit żmerċ fl-ammont ta' arretrati ta' manteniment li hija semmiet matul ix-xhieda tagħha.

24. B'kull rispett, l-appellant ma jistax jistrieħ fuq xhieda bħal din biex jipprova jikseb tnaqqis fl-ammont tal-kreditu mitlub minnu. Jekk kemm-il darba l-appellant tassew ħallas parti mill-ammont ta' arretrati ta' manteniment li l-appellata qiegħda teżegwixxi kontrih, din il-Qorti kienet tistenna li huwa jressaq l-irċevuti tal-ħlas jew xi prova oħra konkreta li turi li huwa tassew ħallas, flimkien ma' rendikont tal-ammonti li tħallsu u dawk li għadhom iridu jitħallsu minnu. L-appellant m'għamel xejn minn dan u matul is-smigħ ta' din il-proċedura, lanqas talab lill-appellata terġa' tixhed u tispjega kif dakinhar tas-17 ta' Novembru, 2021, hija waslet għas-somma ta' €39,000 u xi ħaġa żgħira.

25. Hekk ukoll, jekk tassew huwa minnu li l-appellant għamel xi ħlasijiet lill-appellata fi flus kontanti iżda din kienet tirrifjuta li tagħmillu kitbiet tal-ħlas, huwa messu waqaf iwettaq il-ħlasijiet b'dan il-mod u minflok beda jħallasha b'metodi li jħallu reġistrazzjoni tal-ħlas, bħalma huma trasferimenti bankarji u ċekkijiet. Iżda fl-atti ta' dan ir-rikors ma hemm xejn

li juri li l-appellant tassew wettaq xi ħlasijiet ulterjuri minbarra dawk imsemmija fid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April, 2024, u għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu li huwa ħallas xi ħaġa mis-somma ta' €81,924.43, li għadha dovuta minnu lill-appellata. Ikun b'hekk xieraq li l-mandat eżekuttiv jibqa' fis-seħħ fl-ammont hawn fuq imsemmi.

26. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-aggravju ta' Michael Mifsud qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Michael Mifsud, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm